2025/1338

11.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1338

tal-10 ta' Lulju 2025

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonalitajiet tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2859 tat-13 ta' Diċembru 2023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi,

(1) Il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP, European Single Access Point) imsemmi fir-Regolament (UE) 2023/2859 jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati aċċess faċli għall-informazzjoni permezz ta' interface għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (API, application programming interface). Għalhekk, jenħtieġ li l-API tiżgura l-aċċessibbiltà ta' dik l-informazzjoni, tappoġġa varjetà ta' formati għal dik l-informazzjoni u tinkorpora kwalunkwe bidla jew aġġornament meħtieġ mitlub mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority). Kwalunkwe bidla fl-API jenħtieġ li tiġi identifikata fi żmien xieraq, u jenħtieġ li tiġi stabbilita skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni ta' dawk il-bidliet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-API tiggarantixxi l-funzjonalitajiet bażiċi tal-ESAP mingħajr ħlas, minkejja l-obbligu tal-ESMA li titlob tariffi skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2023/2859.

(2) Għal kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP, l-ESMA, fil-kapaċità tagħha bħala kontrollur tad-data tal-ESAP, u l-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jiżguraw il-konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([2]) u (UE) 2018/1725 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(3) Sabiex tiġi żgurata identifikazzjoni affidabbli u effiċjenti, l-entitajiet li jissottomettu l-informazzjoni u l-persuni ġuridiċi li magħhom hija relatata dik l-informazzjoni jenħtieġ li jiġu identifikati bl-użu tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI, Legal Entity Identifier) tal-ISO 17442, filwaqt li jitqiesu l-Artikolu 7 u t-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437 ([4]), tal-Anness VII, ir-ringieli 11, 12 u 13 tat-Tabella 1, u t-Tabella 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 ([5]), kif ukoll l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 ([6]). Il-LEI jenħtieġ li jikkorrispondi għall-entità li huwa maħsub li jirrelata magħha, jikkonforma mal-istandard ISO 17442 u jiġi inkluż fil-bażi tad-data tal-Identifikatur Globali tal-Entità Ġuridika miżmuma mill-Unità Operattiva Ċentrali maħtura mill-Kumitat tas-Sorveljanza Regolatorja tal-Fondazzjoni Globali LEI.

([1]) ĠU L, 2023/2859, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2859/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437 tad-19 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni (ĠU L 234, 31.8.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1437/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta' notifika, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/979/oj).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 449, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/590/oj).

(4) Sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jfittxu fl-informazzjoni disponibbli fuq l-ESAP b'mod effiċjenti, it-tipi ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġu kklassifikati sabiex kull informazzjoni magħmula disponibbli fuq l-ESAP tikkorrispondi għal mill-inqas tip wieħed ta' informazzjoni. Sabiex l-utenti jkunu jistgħu jsibu faċilment informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, jenħtieġ li jkun meħtieġ tip speċifiku ta' informazzjoni biex jiġi identifikat ir-rapport dwar il-ġestjoni kif imsemmi fid-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), peress li dak ir-rapport dwar il-ġestjoni jkun fih id-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà mfassla skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

(5) L-ESAP għandu jżid l-opportunitajiet għall-viżibbiltà u t-tkabbir tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises). Biex l-SMEs ikunu faċilment identifikabbli, l-informazzjoni dwar l-ESAP jenħtieġ li tkun akkumpanjata mill-ispeċifikazzjoni tal-kategorija tad-daqs tal-entitajiet. Sabiex jiġi minimizzat il-piż tar-rapportar fuq il-kumpaniji, l-ESAP jenħtieġ li jiddependi fuq il-kategoriji tad-daqs eżistenti kif stabbiliti fl-atti leġiżlattivi rispettivi tal-Unjoni li skonthom tiġi sottomessa l-informazzjoni.

(6) L-ESAP jenħtieġ li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jfittxu informazzjoni skont il-kategorizzazzjoni tal-industrija. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 ([9]) jipprovdi s-setturi ewlenin li huma granulari biżżejjed għall-klassifikazzjoni ta' entitajiet mhux finanzjarji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ESAP u għalhekk jenħtieġ li jitqiesu fl-ispeċifikazzjoni tal-karatterizzazzjoni tas-setturi tal-industrija. Sabiex jiġu riflessi l-kategoriji tal-industrija tas-settur finanzjarju granulari kif meqjusa rilevanti għall-ESAP, jenħtieġ li jiġu inklużi kategoriji addizzjonali fir-rigward tal-entitajiet finanzjarji.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol.

(8) L-ESMA, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ("l-ASE", Awtoritajiet Superviżorji Ewropej), wettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzaw il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbu l-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), il-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), u l-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

(9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u pprovda kummenti formali fid-29 ta' April 2025.

([7]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/109/oj).

([8]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).

([9]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj).

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1094/oj).

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

(10) Wara li kkunsidra l-Artikolu 23a tad-Direttiva 2004/109/KE, l-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) u l-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), dan ir-Regolament għandu japplika mhux aktar tard mill-10 ta' Lulju 2026,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Karatteristiċi tal-API tal-pubblikazzjoni tad-data

L-API għandha:

(a) tappoġġa d-distribuzzjoni tal-informazzjoni fil-format li fih tiġi riċevuta;

(b) tappoġġa l-funzjonijiet ta' tiftix u tniżżil;

(c) tippermetti lill-utenti jkollhom aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi kollha li huma mingħajr ħlas;

(d) tinkorpora kwalunkwe bidliet jew aġġornamenti mitluba mill-ESMA biex tiżgura l-konformità mal-punti (a), (b) u (c).

Artikolu 2

L-identifikatur ta' entità ġuridika

Meta jkun meħtieġ minn kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/2859 jew minn kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti għall-fini tal-ESAP, l-entitajiet li jissottomettu informazzjoni lill-korpi ta' ġbir u l-persuna ġuridika li dwarha tkun l-informazzjoni għandhom jiġu identifikati b'identifikatur ta' entità ġuridika li:

(a) jappartjeni għal dik il-persuna u, skont il-każ, għal dik l-entità;

(b) ikun konformi mal-istandard ISO 17442; u

(c) huwa inkluż fil-bażi tad-data tal-LEI miżmuma mill-Fondazzjoni Globali għall-Identifikatur ta' Entità Ġuridika.

Artikolu 3

Il-klassifikazzjoni tat-tipi ta' informazzjoni

L-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet lill-korpi ta' ġbir għandha tiġi kklassifikata skont it-tipi ta' informazzjoni applikabbli stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness.

Artikolu 4

Il-kategoriji tad-daqs tal-entitajiet

Meta l-metadata li tindika l-kategorija tad-daqs ta' entità tkun meħtieġa minn kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/2859 jew minn kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti għall-fini tal-ESAP, l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) metadata li tindika waħda mill-kategoriji tad-daqs stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness fejn l-informazzjoni tiġi sottomessa lill-korpi ta' ġbir skont wieħed mill-atti leġiżlattivi tal-Unjoni inklużi f'dik it-Tabella;

([13]) Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/236/oj).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1129/oj).

(b) metadata li tindika l-kategorija tad-daqs "daqs ieħor" fejn l-informazzjoni tiġi sottomessa lill-korpi ta' ġbir skont l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni għajr dawk inklużi fit-Tabella 2 tal-Anness.

Artikolu 5

Il-karatterizzazzjoni tas-setturi tal-industrija

Meta l-metadata li tindika s-settur tal-industrija tal-attivitajiet ekonomiċi tkun meħtieġa minn kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/2859 jew minn kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni bbażat fuq dawk l-atti għall-fini tal-ESAP:

(a) l-entitajiet li jaqgħu taħt kategorija waħda jew aktar stabbiliti fit-Tabella 3 tal-Anness għandhom jiġu kklassifikati skont dik it-tabella;

(b) entitajiet oħra għandhom jiġu kkategorizzati fuq il-bażi ta' taqsima ewlenija waħda jew aktar tal-Klassifikazzjoni Statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE, statistical classification of economic activities in the European Community), kif definit fir-Regolament Delegat (UE) 2023/137.

Artikolu 6

Rieżami

L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandhom jivvalutaw mill-ġdid l-istandards tekniċi stabbiliti f'dan ir-Regolament relatati mal-identifikatur ta' entità ġuridika, filwaqt li jqisu l-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet lill-korpi ta' ġbir. L-ASE għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2026, akkumpanjat, fejn xieraq, bl-abbozzi ta' emendi proposti għal dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-10 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Tabella 1

Tipi ta' informazzjoni

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Direttiva 2004/109/KE	Rapport finanzjarju annwali	Rapport finanzjarju annwali	Artikolu 4
Direttiva 2004/109/KE	Rapport dwar il-ġestjoni, inkluża d-dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà	Rapport dwar il-ġestjoni, żvelat minn emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat	Artikolu 4(2), il-punt (b) Artikolu 4(5)
Direttiva 2004/109/KE	Rapport finanzjarju ta' nofs is-sena	Rapport finanzjarju ta' nofs is-sena	Artikolu 5
Direttiva 2004/109/KE	Pagamenti lill-gvernijiet	Rapport dwar il-Pagamenti lill-gvernijiet	Artikolu 6
Direttiva 2004/109/KE	Informazzjoni privileġġata	Informazzjoni privileġġata żvelata minn emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat	Artikolu 21 Artikolu 2(1), il-punt (k)
Direttiva 2004/109/KE	Tranżazzjoni tal-maniġers	Tranżazzjoni mwettqa minn persuni li jeżerċitaw responsabbiltà maniġerjali	Artikolu 21 Artikolu 2(1), il-punt (k)
Direttiva 2004/109/KE	Notifika ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji ewlenin	Notifika ta' akkwiżizzjoni jew disponiment ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji ewlenin	Artikolu 12
Direttiva 2004/109/KE	Akkwiżizzjoni jew disponiment tal-ishma proprji tal-emittent	Akkwiżizzjoni jew disponiment tal-ishma proprji tal-emittent	Artikolu 14
Direttiva 2004/109/KE	Għadd totali tad-drittijiet tal-vot u l-kapital	Għadd totali tad-drittijiet tal-vot u l-kapital	Artikolu 15
Direttiva 2004/109/KE	Bidliet fid-drittijiet marbuta ma' ishma jew titoli għajr ishma	Bidliet fid-drittijiet marbuta ma' ishma jew titoli għajr ishma	Artikolu 16
Direttiva 2004/109/KE	Stat Membru domiċiljari	Stat Membru domiċiljari	Artikolu 2(1), il-punt (i)
Direttiva 2004/109/KE	Informazzjoni regolata addizzjonali li huwa meħtieġ li tiġi żvelata skont il-liġijiet ta' Stat Membru	Informazzjoni regolata addizzjonali li huwa meħtieġ li tiġi żvelata skont il-liġijiet ta' Stat Membru	Artikolu 3(1)
Direttiva 2004/109/KE	Sanzjonijiet u miżuri amministrattivi	Informazzjoni dwar sanzjoni u miżura amministrattiva inkluż l-appell	Artikolu 29(1)
Regolament (UE) 2017/1129	Dokument ta' eżenzjoni ta' prospett (akkwiżizzjoni)	Dokument ta' eżenzjoni ta' prospett għal titoli offruti b'rabta ma' akkwiżizzjoni permezz ta' offerta ta' skambju fil-kuntest ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ta' ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat	Artikolu 1(4), il-punt (f) Artikolu 1(5) l-ewwel subparagrafu, il-punt (e)

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Regolament (UE) 2017/1129	Dokument ta' eżenzjoni ta' prospett (fużjoni jew diviżjoni)	Dokument ta' eżenzjoni ta' prospett għal titoli offruti, allokati jew li għandhom jiġu allokati b'konnessjoni ma' fużjoni jew diviżjoni fil-kuntest ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ta' ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat	Artikolu 1(5) l-ewwel subparagrafu, il-punt (f) Artikolu 1(4), il-punt (g)
Regolament (UE) 2017/1129	Termini finali, inkluż is-sommarju tal-ħruġ individwali anness magħhom	Termini finali	Artikolu 8(5)
Regolament (UE) 2017/1129	Dokument tar-Reġistrazzjoni Universali	Dokument tar-Reġistrazzjoni Universali	Artikolu 9(4)
Regolament (UE) 2017/1129	Emenda	Emenda għad-Dokument tar-Reġistrazzjoni Universali	Artikolu 9(4)
Regolament (UE) 2017/1129	Dokument tar-Reġistrazzjoni	Dokument tar-Reġistrazzjoni	Artikolu 10(2)
Regolament (UE) 2017/1129	Nota dwar it-Titoli	Nota dwar it-Titoli	Artikolu 21(1) Artikolu 21(9) Artikolu 6(3)
Regolament (UE) 2017/1129	Il-prezz finali tal-offerta u l-ammont ta' titoli	Il-prezz finali tal-offerta u l-ammont ta' titoli	Artikolu 17(2)
Regolament (UE) 2017/1129	Prospett Awtonomu	Prospett (dokument uniku), inkluża informazzjoni inkorporata b'referenza	Artikolu 21(1) Artikolu 21(9)
Regolament (UE) 2017/1129	Suppliment	Supplimenti tal-prospett, inklużi traduzzjonijiet	Artikolu 23(1)
Regolament (UE) 2017/1129	Prospett bażi bit-Termini finali	Prospett bażi bit-Termini finali	Artikolu 8 Artikolu 21(1)
Regolament (UE) 2017/1129	Prospett bażi mingħajr Termini finali	Prospett bażi mingħajr Termini finali	Artikolu 8 Artikolu 21(1)
Regolament (UE) 2017/1129	Traduzzjoni tal-Appendiċi	Traduzzjoni tal-Appendiċi għad-Dokument tar-Reġistrazzjoni Universali	Artikolu 26(4)
Regolament (UE) 2017/1129	Sommarju	Sommarju	Artikolu 21(1) Artikolu 21(9) Artikolu 6(3) Artikolu 7
Regolament (UE) 2017/1129	Traduzzjoni tas-Sommarju	Traduzzjoni tas-Sommarju	Artikolu 21(1) Artikolu 21(9) Artikolu 6(3) Artikolu 7
Regolament (UE) 2017/1129	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra	Artikolu 42(1)
Direttiva 2004/25/KE [1]	Awtorità kompetenti biex tissorvelja l-offerta	Awtorità kompetenti biex tissorvelja l-offerta	Artikolu 4(2), il-punt (c)

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Direttiva 2004/25/KE	Deċiżjoni dwar l-offerta ta' xiri	Deċiżjoni dwar l-offerta ta' xiri	Artikolu 6(1)
Direttiva 2004/25/KE	Dokument tal-offerta ta' xiri	Dokument tal-offerta ta' xiri	Artikolu 6(2)
Direttiva 2004/25/KE	Opinjoni tal-bord tal-kumpanija destinatarja tal-offerta u raġunijiet dwar l-offerta ta' xiri	Opinjoni tal-bord tal-kumpanija destinatarja tal-offerta u raġunijiet dwar l-offerta ta' xiri	Artikolu 9(5)
Direttiva 2004/25/KE	Prezz ekwu	Prezz ekwu	Artikolu 5(4)
Direttiva 2007/36/KE ([2])	Konformità jew spjegazzjoni tad-divulgazzjoni tal-politika dwar l-involviment	Spjegazzjoni tan-nuqqas ta' konformità	Artikolu 3 g(1)
Direttiva 2007/36/KE	Politika ta' involviment	Politika ta' involviment	Artikolu 3 g(1), il-punt (a)
Direttiva 2007/36/KE	Implimentazzjoni tal-politika ta' involviment	Implimentazzjoni tal-politika ta' involviment	Artikolu 3 g(1), il-punt (b)
Direttiva 2007/36/KE	Konsistenza tal-istrateġija ta' investiment mal-istruttura tal-obbligazzjonijiet	Konsistenza tal-istrateġija ta' investiment fl-ekwità mal-profil u d-durata tal-obbligazzjonijiet u l-kontribuzzjoni għall-prestazzjoni fuq terminu medju sa twil tal-assi	Artikolu 3h(1)
Direttiva 2007/36/KE	Arranġament ma' maniġer tal-assi	Arranġament ma' maniġer tal-assi	Artikolu 3h(2)
Direttiva 2007/36/KE	Kodiċi ta' kondotta	Kodiċi ta' kondotta	Artikolu 3j(1)
Direttiva 2007/36/KE	Spjegazzjoni tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta	Spjegazzjoni tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta	Artikolu 3j(1)
Direttiva 2007/36/KE	Informazzjoni relatata mat-tħejjija tar-riċerka, il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tal-votazzjoni	Informazzjoni relatata mat-tħejjija tar-riċerka, il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tal-votazzjoni	Artikolu 3j(2)
Direttiva 2007/36/KE	Politika ta' remunerazzjoni	Politika ta' remunerazzjoni	Artikolu 9a(7)
Direttiva 2007/36/KE	Data u riżultat tal-votazzjoni dwar il-politika ta' remunerazzjoni	Data u riżultat tal-votazzjoni dwar il-politika ta' remunerazzjoni	Artikolu 9a(7)
Direttiva 2007/36/KE	Rapport ta' remunerazzjoni	Rapport ta' remunerazzjoni	Artikolu 9b(5)
Direttiva 2007/36/KE	Tranżazzjonijiet materjali ma' partijiet relatati	Tranżazzjonijiet materjali ma' partijiet relatati	Artikolu 9c(2)
Direttiva 2007/36/KE	Tranżazzjonijiet materjali ta' partijiet relatati mas-sussidjarji tal-kumpanija	Tranżazzjonijiet materjali ta' partijiet relatati mas-sussidjarji tal-kumpanija	Artikolu 9c(7)
Direttiva 2007/36/KE	Riżultati tal-votazzjoni	Riżultati tal-votazzjoni	Artikolu 14(2)
Direttiva 2013/34/UE	Dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali	Dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali	Artikolu 30

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Direttiva 2013/34/UE	Rapport dwar il-ġestjoni	Rapport dwar il-ġestjoni	Artikolu 30
Direttiva 2013/34/UE	Dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà	Dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà	Artikolu 19a, Artikolu 29a, Artikolu 30
Direttiva 2013/34/UE	Rapport dwar is-sostenibbiltà	Rapport dwar is-sostenibbiltà tal-impriżi ta' pajjiżi terzi	Artikolu 40a
Direttiva 2013/34/UE	Rapport dwar il-ġestjoni konsolidat	Rapport dwar il-ġestjoni konsolidat	Artikolu 30
Direttiva 2013/34/UE	Rapporti finanzjarji konsolidati	Rapporti finanzjarji konsolidati	Artikolu 30
Direttiva 2013/34/UE	Rapport tal-awditjar	Rapport tal-awditjar	Artikolu 30
Direttiva 2013/34/UE	Opinjoni ta' aċċertament	Opinjoni ta' aċċertament	Artikolu 30
Direttiva 2013/34/UE	Opinjoni ta' aċċertament dwar ir-rapport dwar is-sostenibbiltà	Opinjoni ta' aċċertament dwar ir-rapport dwar is-sostenibbiltà	Artikolu 40d
Direttiva 2013/34/UE	Dikjarazzjoni li tindika li l-impriża tal-pajjiż terz ma għamlitx l-informazzjoni disponibbli	Dikjarazzjoni li tindika li l-impriża tal-pajjiż terz ma għamlitx l-informazzjoni disponibbli	Artikolu 40a(2), ir-raba'subparagrafu
Direttiva 2013/34/UE	Dikjarazzjoni li tindika li l-impriża tal-pajjiż terz ma għamlitx disponibbli l-opinjoni ta' aċċertament meħtieġa	Dikjarazzjoni li tindika li l-impriża tal-pajjiż terz ma għamlitx disponibbli l-opinjoni ta' aċċertament meħtieġa	Artikolu 40a(3)
Direttiva 2013/34/UE	Rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet	Rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet	Artikolu 45
Direttiva 2013/34/UE	Rapport konsolidat dwar il-pagamenti lill-gvernijiet	Rapport konsolidat dwar il-pagamenti lill-gvernijiet	Artikolu 45
Regolament (UE) Nru 236/2012	Pożizzjoni qasira netta	Pożizzjoni qasira netta	Artikolu 6(1)
Regolament (UE) Nru 596/2014 ([3])	Informazzjoni privileġġata	Informazzjoni privileġġata	Artikolu 17(1)
Regolament (UE) Nru 596/2014	Informazzjoni privileġġata dwar il-kwoti tal-emissjonijiet	Informazzjoni privileġġata dwar il-kwoti tal-emissjonijiet	Artikolu 17(2)
Regolament (UE) Nru 596/2014	Tranżazzjoni tal-maniġers – emittenti	Tranżazzjoni mwettqa minn persuni li jeżerċitaw responsabbiltà maniġerjali fir-rigward tal-emittenti	Artikolu 19(3)
Regolament (UE) Nru 596/2014	Tranżazzjoni tal-maniġers – kwoti tal-emissjonijiet	Tranżazzjoni mwettqa minn persuni li jeżerċitaw responsabbiltà maniġerjali fir-rigward ta' parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet	Artikolu 19(3)

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Regolament (UE) Nru 596/2014	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra	Artikolu 34(1)
Regolament (UE) 2019/2088 ([4])	Politiki dwar ir-riskju għas-sostenibbiltà fid-deċiżjoni dwar l-investiment	Politiki dwar l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-investiment	Artikolu 3(1)
Regolament (UE) 2019/2088	Politiki tar-riskju għas-sostenibbiltà f'pariri dwar l-investiment jew l-assigurazzjoni	Politiki dwar l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-pariri dwar l-investiment jew fil-pariri dwar l-assigurazzjoni	Artikolu 3(2)
Regolament (UE) 2019/2088	Impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà fil-livell tal-entità	Dikjarazzjoni dwar il-politiki ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-impatti avversi prinċipali fuq deċiżjonijiet ta' investiment dwar il-fatturi ta' sostenibbiltà fil-livell tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji	Artikolu 4(1)
Regolament (UE) 2019/2088	Impatt avvers fuq is-sostenibbiltà fil-livell ta' entità kbira	Dikjarazzjoni dwar il-politiki ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-impatti avversi prinċipali tad-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà għall-parteċipanti kbar fis-swieq finanzjarji	Artikolu 4(3)
Regolament (UE) 2019/2088	Impatt avvers fuq is-sostenibbiltà fil-livell tal-grupp	Dikjarazzjoni dwar il-politiki ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-impatti avversi prinċipali tad-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà għall-impriżi omm ta' gruppi kbar	Artikolu 4(4)
Regolament (UE) 2019/2088	Impatt avvers fuq is-sostenibbiltà fil-livell ta' konsulenti finanzjarji	Informazzjoni dwar jekk il-konsulenti finanzjarji jqisux fil-parir dwar l-investiment jew fil-parir dwar l-assigurazzjoni tagħhom l-impatti avversi prinċipali tad-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà	Artikolu 4(5), il-punt (a)
Regolament (UE) 2019/2088	Impatti avversi fuq is-sostenibbiltà fil-livell ta' konsulenti finanzjarji	(a) Informazzjoni dwar għaliex il-konsulenti finanzjarji ma jqisux l-impatti avversi tad-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà fil-parir dwar l-investiment jew fil-parir dwar l-assigurazzjoni tagħhom	Artikolu 4(5), il-punt (b)

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Regolament (UE) 2019/2088	Integrazzjoni tar-riskju għas-sostenibbiltà fil-politiki ta' remunerazzjoni	Integrazzjoni tar-riskju għas-sostenibbiltà fil-politiki ta' remunerazzjoni	Artikolu 5(1)
Regolament (UE) 2019/2088	Divulgazzjonijiet tal-prodott relatati mas-sostenibbiltà	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ambjentali jew soċjali jew l-objettiv ta' investiment sostenibbli	Artikolu 10(1), il-punt (a)
Regolament (UE) 2019/2088	Informazzjoni dwar il-metodoloġiji użati	Informazzjoni dwar il-metodoloġiji użati għall-valutazzjoni, il-kejl u l-monitoraġġ tal-karatteristiċi ambjentali jew soċjali jew l-impatt tal-investiment sostenibbli	Artikolu 10(1), il-punt (b)
Regolament (UE) 2019/2088	Divulgazzjonijiet tal-prodott relatati mas-sostenibbiltà (divulgazzjonijiet prekuntrattwali)	Divulgazzjonijiet tal-prodott relatati mas-sostenibbiltà skont l-Artikoli 8 u 9	Artikolu 10(1), il-punt (c)
Regolament (UE) 2019/2088	Divulgazzjonijiet tal-prodott relatati mas-sostenibbiltà (rapporti perjodiċi)	Divulgazzjonijiet tal-prodott relatati mas-sostenibbiltà skont l-Artikolu 11	Artikolu 10(1), il-punt (d)
Direttiva 2014/65/UE ([5])	Dokument tal-Ammissjoni tal-SMEs (SME, small and medium-sized enterprises)	Dokument tal-Ammissjoni tal-SMEs	Artikolu 33(3), il-punt (c)
Direttiva 2014/65/UE	Prospett tal-SMEs	Prospett tal-SMEs	Artikolu 33(3), il-punt (c)
Direttiva 2014/65/UE	Rapportar finanzjarju perjodiku kontinwu tal-SMEs	Rapportar finanzjarju perjodiku kontinwu, inkluż ir-rapport annwali awditjat tal-SMEs	Artikolu 33(3), il-punt (d)
Direttiva 2014/65/UE	Informazzjoni regolatorja tal-SMEs dwar l-emittenti	Informazzjoni regolatorja tal-SMEs dwar l-emittenti	Artikolu 33(3), il-punt (f)
Direttiva 2014/65/UE	Informazzjoni dwar is-sjieda	Informazzjoni dwar is-sjieda	Artikolu 46(2)(a)
Direttiva 2014/65/UE	Trasferiment tas-sjieda	Trasferiment tas-sjieda	Artikolu 46(2), il-punt (b)
Direttiva 2014/65/UE	Ditta ta' investiment awtorizzata fl-UE	Ditta ta' investiment awtorizzata fl-UE	Artikolu 5(3)
Direttiva 2014/65/UE	Awtorizzazzjoni lil ditta ta' investiment jew operatur tas-suq bħala Faċilità Multilaterali tan-Negozjar (MTF, multilateral trading facility)	Awtorizzazzjoni lil ditta ta' investiment jew operatur tas-suq bħala Faċilità Multilaterali tan-Negozjar (MTF)	Artikolu 18(10), ir-raba' sentenza
Direttiva 2014/65/UE	Awtorizzazzjoni lil ditta ta' investiment jew operatur tas-suq bħala Faċilità Organizzata tan-Negozjar (OTF, organised trading facility)	Awtorizzazzjoni lil ditta ta' investiment jew operatur tas-suq bħala Faċilità Organizzata tan-Negozjar (OTF)	Artikolu 18(10), ir-raba' sentenza
Direttiva 2014/65/UE	Aġenti marbuta	Aġenti marbuta	Artikolu 29(3)

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Direttiva 2014/65/UE	Deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju u ta' kwalunkwe derivattiv relatat	Deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju u ta' kwalunkwe derivattiv relatat	Artikolu 32(2) l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 52(2)
Direttiva 2014/65/UE	Deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dwar sospensjoni jew tneħħija	Deċiżjoni tal-awtorità kompetenti dwar sospensjoni jew tneħħija tal-istrument finanzjarju u ta' kwalunkwe derivattiv relatat innegozjat f'suq regolat, MTF, OTF u internalizzatur sistematiku, inkluża spjegazzjoni jekk id-deċiżjoni kienet li ma jkunx hemm sospensjoni jew tneħħija	Artikolu 52(2), it-tielet subparagrafu
Direttiva 2014/65/UE	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Sanzjoni jew miżura amministrattiva	Artikolu 71(1)
Direttiva 2014/65/UE	Appell għal sanzjoni u miżura amministrattivi	Appell għal sanzjoni jew miżura amministrattiva, inkluż l-eżitu tal-appell	Artikolu 71(2)
Direttiva 2014/65/UE	Annullament ta' deċiżjoni	Annullament ta' deċiżjoni	Artikolu 71(2)
Direttiva 2014/65/UE	Derivattivi tal-komoditajiet u pożizzjonijiet tad-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet	Rapport ta' kull ġimgħa b'pożizzjonijiet aggregati f'derivattivi ta' komoditajiet u f'derivattivi fuq kwoti tal-emissjonijiet	Artikolu 58(1), il-punt (a)
Direttiva 2014/65/UE	Riċerka sponsorjata mill-emittent	Riċerka sponsorjata mill-emittent prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent	Artikolu 24(3b)
Regolament (UE) 2015/2365 ([6])	Repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrati	Repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrati	Artikolu 8(3)
Regolament (UE) 2015/2365	Repożitorju tat-tranżazzjonijiet rikonoxxuti	Repożitorju tat-tranżazzjonijiet rikonoxxuti	Artikolu 19(8)
Regolament (UE) 2015/2365	Pożizzjonijiet miftuħa fl-SFTs (securities financing transactions)	Pożizzjonijiet aggregati skont it-tip ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs)	Artikolu 12(1)
Regolament (UE) 2015/2365	Dikjarazzjoni pubblika dwar ksur	Dikjarazzjoni pubblika dwar il-persuna responsabbli u n-natura tal-ksur	Artikolu 22(4), il-punt (b)
Regolament (UE) 2015/2365	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Rapport annwali dwar informazzjoni aggregata u informazzjoni granulari dwar sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra	Artikolu 25(1), it-tieni sentenza

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Regolament (UE) 2015/2365	Sanzjonijiet kriminali	Rapport Annwali dwar id-data dwar is-sanzjonijiet kriminali imposti	Artikolu 25(2), it-tieni sentenza
Regolament (UE) 2015/2365	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Sanzjonijiet amministrattivi żvelati, miżuri amministrattivi oħra, jew sanzjonijiet kriminali	Artikolu 25(3)
Regolament (UE) 2015/2365	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Deċiżjoni li timponi sanzjoni amministrattiva jew miżura amministrattiva oħra fir-rigward ta' ksur tal-Artikolu 4 jew 15.	Artikolu 26(1)
Regolament (UE) 2015/2365	Appell għal sanzjoni amministrattiva	Appell għal sanzjoni amministrattiva u eżitu tal-appell	Artikolu 26(4)
Regolament (UE) 2015/2365	Annullament ta' deċiżjoni	Annullament ta' deċiżjoni	Artikolu 26(4)
Direttiva 2002/87/KE ([7])	Struttura legali u struttura tal-governanza u organizzazzjonali	Struttura legali u struttura tal-governanza u organizzazzjonali	Artikolu 9(4)
Direttiva 2006/43/KE ([8])	Awditur statutorju	Awditur statutorju	Artikolu 15
Direttiva 2006/43/KE	Ditta tal-awditjar	Ditta tal-awditjar	Artikolu 15
Direttiva 2006/43/KE	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Artikolu 30c
Direttiva 2006/43/KE	Appell għal sanzjoni u miżura amministrattivi	L-istatus u l-eżitu ta' appell għal sanzjoni u miżura amministrattivi	Artikolu 30c
Direttiva 2009/65/KE ([9])	Prospett	Prospett	Artikolu 68(1)
Direttiva 2009/65/KE	Rapport finanzjarju annwali	Rapport finanzjarju annwali	Artikolu 68(1)
Direttiva 2009/65/KE	Rapport finanzjarju ta' kull 6 xhur	Rapport finanzjarju ta' kull 6 xhur	Artikolu 68(1)
Direttiva 2009/65/KE	Awtorizzazzjoni ta' kumpanija maniġerjali	Awtorizzazzjoni ta' kumpanija maniġerjali	Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu
Direttiva 2009/65/KE	Dokument tat-tagħrif ewlieni għall-investitur	Dokument tat-tagħrif ewlieni għall-investitur (fejn mhux sostitwit minn dokument bl-informazzjoni ewlenija skont ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014)	Artikolu 78(1)
Direttiva 2009/65/KE	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Sanzjoni jew miżura amministrattiva li kontriha ma hemm l-ebda appell	Artikolu 99b(1)
Direttiva 2009/138/KE ([10])	Rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjara	Rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjara	Artikolu 51(1)

Direttiva jew Regolament	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni	Artikolu
Direttiva 2009/138/KE	Rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja – livell ta' grupp	Rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja – livell ta' grupp	Artikolu 256(1)
Direttiva 2009/138/KE	Awtorizzazzjoni jew irtirar ta' awtorizzazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni	Awtorizzazzjoni jew irtirar ta' awtorizzazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni	Artikolu 25a
Direttiva 2009/138/KE	Deċiżjoni ta' riorganizzazzjoni	Deċiżjoni dwar miżura ta' riorganizzazzjoni	Artikolu 271(1)
Direttiva 2009/138/KE	Deċiżjoni biex jinbdew proċeduri ta' stralċ	Deċiżjoni biex jinbdew proċeduri ta' stralċ	Artikolu 280(1)
Direttiva 2011/61/UE ([11])	Maniġer ta' fondi ta' investiment alternattiv (AIFM, alternative investment fund manager) awtorizzat	Maniġer ta'Fondi ta' Investiment Alternattiv awtorizzat inkluża l-Awtorità Kompetenti tal-Maniġer ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv	Artikolu 7(5), it-tieni subparagrafu
Direttiva 2011/61/UE	Fond ta' investiment alternattiv, (AIF, alternative investment fund) awtorizzat	Fond ta' Investiment Alternattiv ġestit u/jew ikkummerċjalizzat fl-Unjoni	Artikolu 7(5), it-tieni subparagrafu
Direttiva 2013/36/UE ([12])	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Penali amministrattiva	Artikolu 68(1)
Direttiva 2013/36/UE	Appell għal sanzjoni u miżura amministrattivi	Appell għal penali amministrattiva, inklużi l-istatus u l-eżitu tal-appell	Artikolu 68(1)
Direttiva 2013/36/UE	Sanzjoni u miżura amministrattivi	Penali amministrattiva fuq bażi anonima	Artikolu 68(2)
Direttiva 2013/36/UE	Istituzzjonijiet Sistemikament Importanti	Notifika ta' Istituzzjonijiet Sistematikament Importanti	Artikolu 131(12)
Direttiva 2014/59/UE ([13])	Ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp	Ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp	Artikolu 26(1)
